## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 33/2023 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 119/2022 MAĦRUĠA AI TERMINI TAL-ART. 166A TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA FL-ISMIJIET: **ANTONELLA GALEA (KI. 315977M) V. KUNSILL REĠJONALI PORT ĠIA XLOKK U L-ONOREVOLI MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

(IL-KRITERJI TASSATTIVI LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI SABIEX TINĦAREĠ ITTRA UFFIĊJALI TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 - REVOKA TA' TITOLU EŻEKUTTIV OTTJENUT PERMEZZ TA' ITTRA UFFIĊJALI MAĦRUĠA TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 – KAP. 12 ART. 166A(5) – IN-NUQQAS TAL-KREDITUR LI JUŻA L-KLIEM PRESKRITT TAĦT L-INTESTATURA TAL-QORTI AI TERMINI TAL-ART. 166A(2) U L-AVVIŻ LEGALI 278 TAL-2005)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta' Frar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors tal-Kunsill Reġjonali Port ġja Xlokk ("il-Kunsill Rikorrent" jew "ir-rikorrent") ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023[1] li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Fid-2 ta' Novembru, 2022, Antonella Galea pprocediet kontra *"Kunsill Regjonali Port gja Xlokk"* permezz ta' ittra gudizzjajra ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (riferenza numru 119/2022) (**DOK A**). Ghal ragunijiet illi sejrin jigu esposti aktar 'l isfel f'dan ir-rikors, l-ittra gudizzjarja surriferita hija nulla u minghajr effett u konsegwentement ma setghetx tigi opposta.

[1] Fol 1-18

2. Fl-17 ta' Jannar, 2023, Antonella Galea ghaddiet ghall-esekuzzjoni tat-titolu minnu ottjenut permezz tal-ittra gudizzjarja surriferita;

3. Insegwitu ghall-esekuzzjoni ta' titolu, giet ipprezentata nota ai termini tal-artikolu 838B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (**DOK B**) fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru: 1480/2022 fejn konsegwentement, permezz ta' digriet mghoti nhar il-3 ta' Frar, 2023 ordnat lill-esponenti tmien (8) ijiem ghat-twegiba.

3. Kif jidher mill-atti tal-ittra gudizzjarja surriferita, din l-ittra gudizzjarja qatt ma waslet ghand l-istanti kif jirrikjedi l-Ligi, hekk kif jidher mir-riferta mhemmx data tan-notifika u hemm stipulat "No date" (ara **DOK A**);

4. Jidher inoltre mill-atti tal-mandat ta' sekwestru numru: 1480/2022 illi dawn qatt ma gew notifikat lill-istanti u oltre minn hekk li sal-lum ghadu qatt ma gie notifikat b'att gudizzjarju msejjes fuq it-titolu ezekuttiv ottjenut mill-intimat permezz tal-ittra gudizzjarja surriferita kif tirrikjedi l-Ligi.

4. **Jidher inoltre li l-ittra gudizzjarja surriferita hija nulla u minghajr effett fil-Ligi u dan stante 'lli ma tirrispettax ir-rekwiziti mandatorji tal-Artikoli 187, 166A(1),(2)** ***et seq*** **tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

6. Fl-ewwel lok, l-ammont mitlub minn Antonella Galea certament **mhuwiex ammont cert, likwidu u dovut** u dan ghal fatt li fil-11 ta' Mejju, 2022 l-istess Antonella Galea fethet kaz mat-Tribunal Industrijali ghal ammont ta' salarju li kienu allegatament dovuti lilha wara li vvantat li giet imkeccija mix-xoghol illegatament, liema sentenza hi annessa u mmarkata "**DOK C**";

7. Fit-tieni lok u b'referenza ghas-suespost, l-esponenti umilment jirrileva lil din l-Onorabbli Qorti li Antonella Galea intavolat appell ghas-sentenza surreferita nhar il-27 ta' Jannar, 2023 kif jidher mill-anness mmarkat "**DOK D**", liema appell ghadu ma giex appuntat;

7. Fit-tielet lok, l-ittra gudizzjarja in kwistjoni ma fihiex id-dettalji rikjesti mill-Artikolu 166A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-ittra gudizzjajra in kwistjoni ma hemmx dikjarat b'mod car ir-raguni li fuqha hija msejsa t-talba tal-intimat, ir-raguni/ijiet ghaliex din it-talba ghandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti li **jinkludu il-fatt li Antonella Galea intavolat kawza quddiem it-Tribunal Industrijali in sostenn tal-istess talba**.

**Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet premessi, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara l-ittra gudizzjarja mertu ta' dan ir-rikors, bir-riferenza numru 119/2022 bhala nulla u minghajr effett fil-Ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess;

2. tiddikjara konsegwentement it-titolu ezekuttiv ottjenut minn Antonella Galea in virtu tal-ittra gudizzjarja mertu ta' dan ir-rikors, bir-riferenza numru 119/2022 bhala null u minghajr effett fil-Ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess;

3. tiddikjara konsegwentement il-mandat ta' sekwestru ukoll mertu ta' dan ir-rikors, bir-riferenza numru 1480/2022 bhala null u minghajr effett fil-Ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess;

4. tiddikjara konsegwentmenet l-effetti kollha tal-mandat ta' sekwestru ukoll mertu ta' dan ir-rikors, bir-riferenza numru 1480/2022 bhala nulli u minghajr effett fil-Ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess u b'hekk tawtorizza lil esponenti jizbanka l-flejjes depozitati taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tac-cedola bir-riferenza numru 2261/2022.

Bl-ispejjez kontra Antonella Galea, 'lli huwa min issa ngunta ghas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta ta' Antonella Galea ("l-intimata") ippreżentata fl-1 ta' Marzu 2023[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

**'1.Illi, qabel xejn, ir-rikors de quo huwa totalment infondat fil-fatt u fid-dritt u, jiġi umilment rilevat, għandu jiġi miċħud minn din l-Onorabbli Qorti.**

**2. Illi, l-ewwel nett, ir-Reġjun rikorrenti qiegħed jigdeb meta qiegħed jgħid:- qatt ma waslet għand l-istanti kif jirrikjedi l-Liġi, hekk kif jidher mir-riferta m'hemmx data tan-notifika u hemm stipulat "no date". Tant kemm l-ittra ġudizzjarja in kwestjoni waslet għand ir-Reġjun rikorrenti illi l-uffiċjal eżekuttiv tal-Qrati kitbet, fir-riferta illi hija "[t]għid u [n]iżgura illi jiena innotifikajt lil Kunsill Lokali Port Ġja' Xlokk" liema dikjarazzjoni saret fl-14 ta' Novembru, 2023.**

**3. Illi kieku l-uffiċjal eżekuttiv tal-Qrati ma kenitx innotifikat lir-Reġjun, dan kienet tgħidu u r-referta kienet tkun tal-lewn aħmar. F' dal-każ ma kienx il-każ. Fi kwalunkwe każ, dan ser jirriżulta mill-provi prodotti fil-kors tas-smiegħ tar-rikors.**

**4. Illi, kwindi, jirriżulta u ser jirriżulta illi kien hemm notifika valida u m'huwiex veru illi l-ittra uffiċjali de quo ma ġietx notifkata lill-imsemmi Reġjun.**

---

[2] Fol 26-28

**5. Għandu jingħad inoltre illi għad m'hemm l-ebda mandat eżekuttiv. Illi ġie preżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1480/2022. Dak il-mandat kien u għadu kawtelatorju stante illi kienet intalbet il-konverżjoni tiegħu f' mandat eżekuttiv lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili permezz tan-nota preżentata nhar il-31 ta' Jannar, 2023 u ippreżentata mar-rikors promutur odjern.**

**6. Illi, inoltre, l-ittra ġudizzjarja surrifererita m'hiex nulla u mingħajr effett fil-Liġi stante illi hija tirrispetta r-rekwiżiti mandatorji kollha tal-Artikolu 187, 166A(1),(2) et seq tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**7. Illi, qabel xejn, għandu jiġi umilment sottomess illi l-kawża ta' quddiem it-Tribunal Industrijali m'għandha x' taqsam xejn u kwindi lanqas għandu x' jaqsam ir-rikors ta' l-Appell illi sar għal deċiżjoni illi ta t-Tribunal Industrijali.**

**8. Illi huwa essenzjali illi, qabel xejn, wieħed jifhem x' qegħda titlob l-esponenti. L-esponenti, permezz tal-ittra uffiċjali relattiva, talbet sabiex titħallas lilha is-somma totali – "somma illi tirrappreżenta s-salarju dovut lill-mittenti minn Frar 2022 sa Settembru 2022 li s'issa għadu ma tħallasx abbażi tal-kalkoli hawn annessi u markati Dok. A". Fi kliem ieħor, l-esponenti qegħda titlob salarju li ma tħallasx. Ma' l-ittra hemm prospett dettaljat u spjegazzjoni tas-somma. Dik hija somma ċerta, likwida u dovuta. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali qegħdin isiru (inter alia) għar-reintegrazzjoni fl-impjieg, fost affarijiet oħra. Ċertament, l-iskop prinċipali ta' dawk il-proċeduri mhumiex illi titħallas is-salarju imma r-reintegrazzjoni fl-impjieg.**

**9. Illi madankollu, salarju huwa ċert, likwidu u dovut u jista' jiġi kwantifikat, kif fil-fatt huwa fil-każ odjern.**

**10. Illi, inoltre, id-dikjarazzjoni kollha tal-fatt hija kompluta – tant huwa hekk illi l-istess Reġjun qiegħed jilmenta illi l-esponenti ma daħħlitx il-fatti stante illi l-fatti jinkludu l-fatt illi Antonella Galea kawża quddiem it-Tribunal Industirjali in sostenn ta' l-istess talba. Dan m'huwa veru xejn! Il-fatt huma ċari:- il-paga lill-esponenti ma tħallsitilhiex minkejja illi saret dovuta meta l-Public Service Commission qalet illi d-deċiżjoni tal-impjieg tagħha kienet nulla u bla effett u fil-fatt, l-interpellazzjoni saret abbażi ta' hekk. It-Tribunal Industrijali m' għandu x' jaqsam xejn. Pero' l-istess Reġjun jaf bis-sentenza tal-Public Service Commission – tant jaf illi huwa stess, fil-proċeduri quddiem l-istess Tribunal Industrijali għamel referenza għaliha u straħ fuqha kemm quddiem l-istess Tribunal Industrijali kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri). Kwindi, il-fatti kollha qegħdin fl-ittra stess u jirriżulta ċar mill-ittra innifisha għalfejn saret l-ittra u ċioe' għaliex l-istess mittenti ma tħallsitx is-salarju tagħha. Dik hija d-dikjarazzjoni tal-fatti. Dik id-dikjarazzjoni hija wkoll spjegazzjoni għalfejn dik it-talba għandha tiġi f'dak l-ammont għandha tiġi milqugħa. Ma jinħtieġ xejn izjed. Tant huwa hekk illi, minkejja illi debitament notiffikat, l-istess Reġjun m'għamilx oppożizzjoni.**

**11. Illi inoltre, l-esponenti qegħda tagħmilha ċara illi it-talba tagħha fir-rigward ta' salarju dovut għal xhur mhux imħallsin. Ir-Reġjun rikorrent jaf illi ma ħallasx salarju għall-perjodu indikat mill-mittenti esponenti. Dwar dan m'hemm xejn kontestat. Il-prospett eżibit ma' l-ittra jgħid ukoll minn fejn ġiet is-somma reklamata.**

**12. Illi, inoltre, l-iskop tal-Liġi huwa ċar u huwa intiż sabiex min jirċievi l-ittra ġudizzjarja taħt l-Artikolu 166A ikun jaf għalfejn is-somma qegħda tintalab minnu. F' dan il-każ, ir-Reġjun kien jaf iżda għażel illi jinjora l-ittra uffiċjali. Issa illi fehem x' inhuma l-konsegwenzi, qed jara x' ħa jivvinta biex jattakka t-titolu eżekuttiv illi m'huwa xejn ħlief riżultat tat-traskuraġni tiegħu – iżda ċertament mhux ta' xi nuqqas ta' informazzjoni min-naħa ta' l-esponenti.**

**13. Illi kwindi l-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A bin-numru 119/2022 hija valida u tissodista ir-rekwiżiti kollha tal-Artikoli 166A et seq.**

**Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors de quo bl-ispejjeż kontra l-istess Reġjun illi minn issa huwa u l-uffiċjali tal-istess, inkluż il-President, huma inġunti għas-subizzjoni.'**

wara li fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 semgħet it-trattazzjoni finali magħmula bil-fomm għan-nom

- tal-Kunsill rikorrent, mill-Avukat Dr. Mario Mifsud,
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Lorna Mifsud Cachia,

wara li rat l-atti proċesswali l-oħra,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Permezz tal-ittra uffiċjali ppreżentata fil-2 ta' Novembru 2022[3] ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12, l-intimata interpellat lill-Kunsill rikorrent u lill-Onorevoli Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali sabiex iħallsuha s-somma ta' € 22,711.76 allegatament rappreżentanti salarju dovut lilha minn Frar 2022 sa' Settembru 2022. Mal-ittra ġie anness dokument bil-kalkoli tal-ammont dovut lilha. Mir-riferta[4] mad-daqqa t'għajn jirriżulta illi l-Ministru ġie notifikat fit-8 ta' Novembru 2022 filwaqt li r-rikorrent ġie notifikat ukoll iżda d-data tan-notifika ġiet imniżżla mill-marixxal bħala "No Date". Ir-riferta però ġġorr id-data tal-14 ta' Novembru 2022.

[3] Fol 4
[4] Fol 5

2. Stante illi ma daħlet l-ebda nota oppożitorja entro t-terminu stipulat fil-liġi, fis-17 ta' Jannar 2023 l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva biss fil-konfront tal-Kunsill rikorrent.

3. Skond ma qal il-Kunsill rikorrent fir-rikors tiegħu l-ittra qatt ma waslet għandu. Inoltre jgħid illi l-ittra hija nulla għaliex:

    1. l-ammont mitlub m'huwiex ċert, likwidu u dovut peress illi huwa s-suġġett ta' kawża li fetħet l-intimata kontra tiegħu fit-Tribunal Industrijali, liema kawża ġiet deċiża kontriha u hija suġġett ta' appell. Lejn l-aħħar tal-proċess tal-kawża odjerna l-Qorti ġiet mgħarrfa ukoll bis-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-13 ta' Ottubru 2023 fejn il-Qorti kkonfermat id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali,

    2. l-ittra ma fihiex id-dettalji rikjesti mill-Art. 166A(3) sic![5] tal-Kap. 12 ċioe dikjarazzjoni b'mod ċar tar-raġuni li fuqha hija msejsa t-talba tagħha, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba, li skond ir-rikorrent kellha tinkludi ukoll il-fatt li l-intimat fetħet kawża quddiem it-Tribunal Industrijali in sostenn tal-istess talba.

4. L-intimata tinnega l-allegazzjonijiet tar-rikorrent, tgħid li l-ittra waslet għandha b'mod validu, li l-ammont mitlub minnha huwa ċert, likwidu u dovut u m'għandu x'jaqsam xejn mal-proċeduri li ġew inizjati quddiem it-Tribunal Industrijali u finalment li m'huwiex il-każ illi l-ittra ma fihiex id-dettalji rikjesti skond il-liġi.

5. Skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:**

[5] Ir-riferenza għal tali disposizzjoni tal-liġi hija skorretta u l-artikolu korrett li kellu jiġi ċitat huwa l-Art. 166A(2) tal-Kap. 12.

**(i)** **li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew**

(ii) **li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ...**'

6. Il-proċedura tal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 ghandha konsegwenzi legali gravi fuq il-persuna li tirċieviha li ma tikkuntestahix fiż-żmien prefiss. U għax għandha konsegwenzi daqstant gravi, il-ligi timponi restrizzjonijiet sinjifikanti u riġidi, jekk mhux ukoll ħarxa, maħsuba sabiex jagħtu protezzjoni assoluta lil dawk li jirċievu ittra ta' dik in-natura. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal numru ta' kriterji tassattivi, kemm sostantivi u kif ukoll proċedurali, li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta' nullita' jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma' jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:

**<u>Kriterji Sostantivi</u>**

- **<u>Il-kreditu:</u>** L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).[6] B'eċċezzjoni għal din il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma' jkunx għadu likwidat jista' ukoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma' jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma.[7] Fil-każ odjern il-lanjanza prinċipali tar-rikorrent hija proprju illi l-ammont mitlub mill-intimata m'huwiex ċert, likwidu u dovut.

- **<u>Id-debitur</u>**: Id-debitur jrid ikun preżenti f'Malta u ma' jistax ikun minuri jew persuna mhux kapaċi skond il-liġi. Id-dejn ma' jistax ikun dovut minn eredità ġjaċenti.[8]

- **<u>Kontenut tal-ittra:</u>** Fl-ittra għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u

---

[6] Kap. 12, Art. 166A(1)
[7] *ibid*
[8] *ibid.*

dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.[9] Fil-każ odjern ir-rikorrent jgħid ukoll illi l-ittra hija monka f'dan ir-rigward.

**Kriterji Proċedurali**

- **Il-forma tal-ittra uffiċjali:** L-ittra uffiċjali għandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra innifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."[10]

- **Konferma bil-ġurament:** L-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur[11].

- **Notifika tal-ittra:** L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur[12]. Fil-każ odjern ir-rikorrent qed jinsisti illi l-ittra ma ġietx notifikata lilu skond il-liġi.

- **Intimazzjoni lid-debitur:** Fl-ittra għandu ikun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.[13]

- **L-intimazzjoni ma' trid tkun waħda diġà opposta taħt l-Art. 166A**: meta d-debitur ikun oppona t-talba kif imiss, il-proċedura speċjali li tinsab f'dan l-artikolu ma tistax terġa' tintuża kontra d-debitur għar-rigward tal-istess talba li jkun hemm fl-ittra uffiċjali notifikata lilu.[14]

---

[9] Kap. 12, Art. 166A(2)
[10] Kap. 12, Art. 166A(2)
[11] Kap. 12, Art. 166A(2)
[12] Kap. 12, Art. 166A(5)(i)
[13] Kap. 12, Art. 166A(3)
[14] Kap.12, Art. 166A(3)(d)

- **<u>Notifika lill-kumpanija tal-assigurazzjoni</u>**: meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), dik l-ittra uffiċjali għandha taħt piena ta' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi.

7. Għalhekk ir-rikorrent qed jibbaża l-każ tiegħu fuq dak li skond hu kien in-nuqqas tal-intimata li fl-ittra uffiċjali in kwistjoni naqset milli tissodisfa żewġ kriterji sostantivi (i.e. li l-ammont ma kienx ċert, likwidu u dovut u li r-raġunijiet li fuqhom hija msejsa t-talba ma ġewx iddikjarati b'mod ċar) u kriterju proċedurali (li n-notifika ma saritx kif suppost).

**Kunsiderazzjonijiet**

***Il-premessa tar-rikorrent illi n-notifika tal-ittra ma saritx kif imiss***

8. Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-allegazzjoni illi n-notifika tal-ittra ma saritx kif suppost u dan għaliex skond ir-rikorrent m'hemmx indikazzjoni tad-data meta ġie notifikat.

9. Fir-rigward kif għandha ssir in-notifika fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta (bħal ma hu l-Kunsill rikorrent), l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 jipprovdi illi din tista' ssir billi:

    1. titħalla kopja tal-iskrittura fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali tal-korp f'idejn:
        - persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp, jew
        - segretarju tal-kumpannija, jew
        - kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija, jew
        - impjegat ta' dak il-korp;

    2. jew bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura direttament lill-persuni fuq indikati u dan **<u>irrispettivament minn fejn tinstab</u>** din il-persuna.

10. L-Artikolu 187(8) tal-Kap. 12 jipprovdi imbagħad li n-notifiki **'jistgħu ukoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skont kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil- Gazzetta**'.

11. Fir-*Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta* (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12) jingħad fost affarijiet oħra illi:

- In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi mpustata[15]

- Meta n-notifika tkun ser issir bil-posta, l-uffiċjali eżekuturi tal- qrati għandhom:

    - iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-envelopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġewwa fih fl-uffiċċju tal-posta;

    - jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi, id-data tal-preżentata fir-reġistru u n-numru ta' l-uffiċċju tal-kaxxier tar-reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-envelopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi impustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;

    - jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le u li fih għandhom jidħlu wkoll il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 188 tal-Kodiċi;

    - jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u jekk tkun saret, meta.[16]

[15] Art. 3(1) tar-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12)
[16] Art 5 *ibid*

12. Matul iż-żminijiet żviluppat prassi fejn malli l-kumpanija Maltapost p.l.c. tirċievi att ġudizzjarju mill-Qorti sabiex jiġi notifikat bil-posta, tiġi mimlija karta uffiċjali bl-isem ta' "*Avviz ta' Kunsinna ta' Ittra Reġistrata*" mibgħuta mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali) magħrufa ukoll bħala l-*pink card,* li tkun imwaħħla mal-envelop innifsu u li fiha apparti d-dettalji u l-indirizz tal-persuna li għandha tirċevieha jkollha ukoll post fejn tista' tiġi ffirmata mid-destinatarju u mill-uffiċjal tal-posta li jmur biha kif ukoll indikazzjoni ta' jekk l-att ikunx ġie imqassam jew le. Din il-*pink card* imbagħad tintbagħat lir-Reġistratur meta l-uffiċjal eżekutur jkun jista' jħejji r-riferta relattiva skond l-informazzjoni li jsib fuq din il-*pink card.*

13. Fil-każ in eżami, kif jidher mid-dokumenti esebiti[17] u kif xehed il-marixxal **Alexander Mallia** fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 il-*pink card* turi illi *inter alia* illi l-att ġie riċevut fl-indirizz "Kunsill Reġjonali Port ġja Xlokk, 97, Triq Santa Marija, Tarxien" minn ċertu Annette Vella bil-karta tal-identita numru 48171M li ffirmat għaliha. Peress illi l-uffiċjal tal-posta ma kitibx fejn suppost kellu jikteb id-data meta l-att ġie imqassam, il-marixxal tal-Qorti ma kellux alternattiva meta kien qed jipprepara r-riferta fl-14 ta' Novembru 2022 għajr illi jiddikjara illi r-rikorrent Kunsill Reġjonali Port ġja Xlokk ġie notifikat iżda f'data mhux magħrufha.

14. L-intimata **Antonella Galea** fl-istess seduta xehdet illi kienet qed tagħraf il-firma ta' Annette Vella minn fuq il-*pink card* peress illi hija kienet taħdem magħha fil-Kunsill Reġjonali Port. **Annette Vella**, skrivana tal-istess kunsill, ikkonfermat fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 illi hija kienet irċeviet l-ittra in kwistjoni meta marret u ġabritha minn ħanut bl-isem ta' *Forex* li huwa *sub-post office* tal-Maltapost plc, Xehdet ukoll illi hija kif tagħmel is-soltu, fetħet l-ittra, għamlet *scan copy* tagħha u bagħtitha lis-segretarja tal-Kunsill. Fl-istess seduta xehdet Leanne Cassar, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li kkonfermat illi hija kienet irċeviet *scanned copy* tagħha mingħand Annette Vella u li mmedjatament wara xi sagħtejn hija għaddiet kopja tagħha lill-avukat permezz ta' *email.*

15. Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 xehdet **Marica Cutajar** in rappreżentanza tal-Maltpost plc illi kkonfermat illi kien nuqqas min-naħa tal-pustier illi ma ndikax id-data meta l-att ġie mqassam lir-riċevitur fuq il-*pink card* in kwistjoni. Il-Qorti aċċediet waqt l-istess seduta għas-sit elettroniku "*Track your Item*" tal-Maltapost plc u rriżulta min-numru tat-*tracking* indikat fuq il-*pink card* (i.e. RC103028986MT) li l-

[17] Fol 5 u 38

ittra ġie miġbura mir-riċevitur fl-10 ta' Novembru 2022 minn Forex Stationery. Ġie għalhekk maqbul bejn il-partijiet fl-istess seduta illi "*l-ittra suġġett ta' Dok AM 1 ġiet notifikata lir-riċevitur fl-10 ta' Novembru 2022*".

16. Fid-dawl ta' din ix-xhieda u tad-dikjarazzjoni in atti ftit hemm dubbju illi l-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża ġiet notifikata kif trid il-liġi lir-rikorrent fl-10 ta' Novembru 2022.

***Il-premessa tar-rikorrent illi l-ammont pretiż m'huwiex wieħed ċert, likwidu u dovut u li l-ittra ma' kellix dikjarazzjoni ċara tal-fatti u tar-raġunijiet li fuqhom ssejset it-talba***

17. Kif ġa ngħad, l-ammont ta' € 22,711.76 pretiż mill-intimata fl-ittra uffiċjali, jirrappreżenta dak li skond hi huwa s-salarju dovut lilha mill-Kunsill Reġjonali rikorrent għall-perjodu Frar 2022 sa' Settembru 2022. Mal-ittra ġie anness dokument bil-kalkoli tal-ammont dovut lilha. Dawn il-kalkoli huma fil-forma ta' *spreadsheet* li tinkludi rendikont tal-ammonti *net* dovuti lilha inkluż numru ta' *allowances* kif ukoll id-*deductions* tal-bolla u tat-taxxa.

18. Skond il-Kunsill rikorrent l-ammont mitlub m'huwiex ċert, likwidu u dovut peress illi huwa s-suġġett ta' kawża li fetħet l-intimata kontra tiegħu fit-Tribunal Industrijali, liema kawża ġiet deċiża kontriha u ġiet kkonfermata fl-appell. L-intimata tirribatti billi tgħid li l-proċeduri quddiem it-Tribunal kienu *inter alia* għar-reintegrazzjoni tagħha fl-impjieg wara tkeċċija inġusta u l-iskop prinċipali tagħhom ma kienx illi titħallas is-salarju dovut lilha.

19. Mill-atti esebiti jirriżulta illi fir-rikors li ġie ppreżentat mill-intimata lit-Tribunal Industrijali datat 11 ta' Mejju 2022, l-istess intimata għamlet is-segwenti talbiet:

    1. **'(It-Tribunal) jiddikjara illi t-tkeċċija tal-Esponenti kienet illegali, ultra vires, mingħajr ebda bażi fil-Liġi u fil-fatt; u**
    2. **Konsegwentement iħassar u jirrevoka t-tkeċċija tagħha mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv; u**
    3. **Jordna illi l-Esponenti terġa' titpoġġa fil-pożizzjoni tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Port (ġjà Xlokk); u**
    4. **Jordna illi l-istess Esponenti jitħallas lilha s-salarju u l-kumpens kollu (inklużi bonuses, leave li ma ħaditx, eċċ.) illi jispettawha u illi hija għadha ma tħallsitx; u**
    5. **Jordna illi ma jkun hemm ebda record ta' proċeduri dixxiplinarji u/jew tat-tkeċċija fil-konfront tal-Esponenti; u**

6. **Jordna illi jiġu reintegrati kwalunkwe benefiċċji u salarji u remunerazzjonijiet illi għalihom kienet issir intitolata l-Esponenti kieku ma tkeċċietx u ma ġietx sospiża; u**
7. **Jordna li jkun hemm investigazzjoni eżawrjenti fil-konfront tas-Sur Paul Farrugia kif ġie rakkomandat mill-Bord rispettiv u anke fil-konfront tad-Direttur Ġenerali ai termini tal-Artikolu 30 tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta).**
8. **Jordna illi l-proċedura ta' performance appraisal tas-sena elfejn, wieħed u għoxrin (2021) issir skont il-liġi u titħallas mill-iktar fis, flimkien mal-bonus żejjed dovut tas-sena elfejn u għoxrin (2020).**
9. **Jordna illi jsiru investigazzjoni fir-rigward ta' fastidju sesswali ai termini tal-Artikoli 29 u 30 ta' Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 4(2)(c) u 9 ta' Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta.'**

20. Jirriżulta għalhekk illi tal-inqas waħda mit-talbiet tal-intimata quddiem it-Tribunal kienet proprju sabiex dan jordna li titħallas is-salarju u kumpens (bħala bonuses, leave, etc) illi kien jispettaha lilha. Ifisser b'daqshekk illi l-ammont mitlub mill-intimata fl-ittra uffiċjali m'huwiex kreditu ċert, likwidu u dovut? Fil-fehma tal-Qorti, it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija ċertament li le! Il-fatt li ammont pretiż minn kreditur f'ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 jkun ġie mitlub ukoll f'kawża li tkun pendenti ma jġibx awtomatikament b'daqshekk illi dak l-ammont ma jkunx ċert, likwidu u dovut. Kien ikun differenti li kieku ntwera illi quddiem it-Tribunal l-intimata talbet bħala salarju xi ammont differenti minn dak mitlub fl-ittra, jew li kieku intwera illi ġie deċiż b'mod definittiv illi l-intimata m'għandha tieħu xejn mir-rikorrent bħala salarju għall-perjodu in kwistjoni. L-unika ħaġa li ġiet ippruvata quddiem il-Qorti fir-rigward tal-proċeduri msemmija hija illi l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kkonfermat id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali illi huwa ma kellu l-ebda kompetenza jieħu konjizzjoni tal-vertenza u filfatt iddikjarat l-appell irritu u null għaliex l-intimata bħala uffiċjal pubbliku ma kellha l-ebda dritt li tressaq l-appell. Minn imkien ma jirriżulta għalhekk illi l-ammont mitlub mill-intimata bħala salarju ġie ddikjarat bħala li ma kienx dovut.

21. Biex kreditu jitqies li huwa **ċert** jeħtieġ li jkun hemm ċertu elementi illi jippruvaw l-eżistenza tal-kreditu u d-dritt tal-kreditur li jirċievi s-somma mitluba minnu. Hekk per eżempju meta kreditur jitlob ħlas ta' fattura wara li jkun ikkonsenja l-merċa lid-debitur, il-kreditur irid juri li kien hemm ftehim bejn il-partijiet abbażi ta' xi kuntratt (billi ssir riferenza għalih mingħajr ħtieġa illi jiġi esebit il-kuntratt innifsu) jew imqar ordni verbali mid-debitur u li effettivament ikun ikkonsenjalu l-merċa.

Biex kreditu jitqies li huwa **likwidu** jeħtieġ illi l-ammont mitlub ikun ġie espress b'mod preċiż u mhux b'mod ġeneriku. Hekk pereżempju ammont ta' danni li jkun għadu ma ġiex kwantifikat minn min qed jitolbu ma jista' qatt jiġi meqjus bħala li huwa likwidu. Ta' min jgħid però f'dan ir-rigward illi l-liġi stess fl-Art. 166A(1) tippermetti illi l-kreditur jitlob ammont ta' danni li ma jkunx għadu ġie likwidat basta jiddikjara illi l-ammont li jkun għadu mhux likwidu ma jeċċedix il-€ 25,000 u jirrinunzja b'mod definittiv għal kwalsiasi ammont li wara jirriżulta illi jaqbeż dak l-ammont.

Finalment biex kreditu jitqies li huwa **dovut** jeħtieġ illi dan ma jkunx suġġett għal xi kundizzjonijiet jew termini li jagħmluh mhux eżiġibbli f'dak l-istadju. Per eżempju jekk fattura tinħareġ bi ftehim illi l-ħlas jsir dovut wara tletin ġurnata, l-ammont ma jistax jiġi mitlub qabel ma jgħaddi dak it-terminu salv għal xi eċċezzjonijiet li joħorġu mill-liġi.

22. Fil-fehma tal-Qorti m'hemm xejn li jindika illi l-ammont mitlub mill-intimata fl-ittra tagħha m'huwiex ċert, likwidu u dovut. Inoltre r-raġunijiet li għalihom ġiet ippreżentata l-ittra u l-fatti rilevanti in sostenn tat-talba ġew imfissra b'mod ċar. Il-liġi ma' titlobx illi min jippreżenta l-ittra uffiċjali għandu jidħol f'ħafna dettal. Li jrid jagħmel huwa li jkun ċar biżżejjed fi kliemu sabiex id-debitur jitqiegħed f'posizzjoni li jkun jaf min xiex jikkonsisti l-kreditu pretiż sabiex b'hekk ikun jista' jiddefendi ruħu kif xieraq. Għalhekk ma' kienx hemm il-ħtieġa, kif jippretendi l-Kunsill rikorrent, illi l-intimata tagħmel riferenza għall-każ li kien ġie intavolat minnha xi ftit xhur qabel quddiem it-Tribunal Industrijali. Mir-rendikont anness mal-ittra u mid-diċitura tal-istess ittra kellu jkun ċar ħafna għall-Kunsill rikorrent li l-intimata kienet qed titlob is-salarju li skond hi ma kienx tħallas lilha u dan għal perjodu ben definit u skond figuri preċiżi elenkati fl-istess rendikont.

***Kriterju proċedurali tassativ li ma tqajjimx mill-partijiet fil-kawża***

23. Kif ingħad minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Carmelo Bianco noe v.Terence Farrugia</u>** (Rik 175/2018, Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 26 ta' Settembru 2018):

> *"kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli proċedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament ... F'kull kaz, billi l-eccezzjoni* (ta' nullita) *hija wahda ta' ordni pubbliku, in-nullita` ta' att gudizzjarju jista' jigi sollevat ex officio mill-qorti nnifisha u dan, f'kull kaz, oltre ghas-setgha ta' din il-Qorti ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12."*

24. Minn eżami tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża jirriżulta lill-Qorti illi din ma' tissodisfax il-kriterju tassattiv tal-kliem preskritt taħt l-intestatura tal-Qorti ai termini tal-Art. 166A(2) u l-Avviż Legali 278 tal-2005 u ċioe illi jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: "**Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.**"[18] Filfatt fl-avviż taħt l-intestatura tal-Qorti fl-ittra in kwistjoni huma nieqsa għal kollox il-kliem "*Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali"*.

25. L-intimazzjoni speċifika rikjesta mill-leġislatura hija kruċjali u warajha hemm il-ħsieb illi l-persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tintebaħ, jekk hemm bżonn b'ċertu allarm, illi l-ittra li għandha f'idejha mhijiex ittra komuni, imma hija ittra li jeħtieġ li **biha tmur minnufih għand professjonist legali sabiex jieħu l-parir meħtieġ** u tittieħed l-azzjoni meħtieġa. M'huwiex suffiċjenti l-avviż illi l-ittra tiġi reża eżekuttiva f''każ illi d-debitur ma' jweġibx fi żmien tletin ġurnata jew li huwa seta' jippreżenta n-nota risponsiva mingħajr l-ħtieġa ta' avukat jew prokuratur legali. Filfatt kważi kważi l-Qorti tazzarda tgħid illi huwa ferm iżjed possibbli illi d-debitur jiġi żgwidat dwar l-importanza tal-ittra uffiċjali li jkun irċieva jekk huwa jiġi mgħarraf biss bil-possibilità illi jippreżenta risposta mingħajr assistenza ta' avukat jew prokuratur legali mingħajr ma jiġi mgħarraf ukoll illi huwa fl-interess tiegħu illi jmur ikellem avukat!!!

26. Il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt illi fix-xhieda mogħtija quddiemha u ċioe fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023, Leanne Cassar, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill rikorrent xehdet illi xi sagħtejn wara li hija rċeviet *scanned copy* tal-ittra mingħand Annette Vella, hija għaddiet kopja tagħha lill-avukat permezz ta' *email.* Dan ifisser illi ċertament l-Kunsill rikorrent ma sofra l-ebda preġudizzju bin-nuqqas tal-intimata li tniżżel b'mod skrupoluż l-intestatura speċifika ai termini tal-liġi.

27. Ċio nonostante il-Qorti tħoss illi huwa rrilevanti u filfatt il-Qorti ma' għandiex toqgħod tindaga jekk effettivament id-debitur ikunx sofra xi preġudizzju bin-nuqqas tal-intimazzjoni lilu rikjesta mill-liġi u dan għaliex il-kriterji fuq imsemmija inkluż l-intestatura preskritta mill-Avviż Legali 278 tal-2005, huma tassattivi u għandhom

---

[18] Kap. 12, Art. 166A(2)

jiġu osservati b'mod skrupoluż tenut kont il-konsegwenzi legali li ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A ġġib magħha f'każ li ma' tiġix kontestata fit-terminu preskritt mill-liġi.

28. Ġaladarba din l-intimazzjoni hija mankanti fl-ittra uffiċjali *de quo* il-Qorti hija tenuta illi tiddikjara n-nullita' tagħha u tirrevokaha għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi. Għal kull bwon fini jingħad illi l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjoni tal-Art. 213 tal-Kap. 12 billi jidhrilha illi għalkemm ma ġietx ippruvata t-talba eżatta kif imfissra fir-rikors, madanakollu hemm biżżejjed provi ta' jedd ieħor taħt l-Art. 166A(5)(ii) spettanti lill-Kunsill rikorrenti.

29. Fir-rigward tat-talba għar-rexissjoni tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1480/2022, għal kull bwon fini jingħad illi ma rriżultax lill-Qorti illi dan il-mandat kawtelatorju qatt ġie kkonvertit f'mandat eżekuttiv. Ċio nonostante billi l-mandat inħareġ sabiex jikkawtela ammont pretiż fl-ittra uffiċjali *de quo*, liema ittra sejra tiġi ddikjarata nulla u bla effett, huwa loġiku illi l-istess mandat għandu jiġi ukoll iddikjarat null u bla effett jekk xejn fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex jiġu evitati proċeduri ulterjuri għar-revoka tal-istess mandat. Jirriżulta lill-Qorti però illi tali mandat ġie intavolat, kif kellu ikun, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili stante illi jeċċedi l-kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti. Filwaqt illi skond l-Art. 166A(5) din il-Qorti għandha l-kompetenza esklussiva illi tiddeċiedi dwar talba għar-revoka ta' titolu eżekuttiv ottjenut abbażi ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A – irrispettivament mill-valur tal-pretensjoni dedotta fl-istess ittra – mhux l-istess jista' jingħad għal talba sabiex jiġi revokat mandat ta' sekwestru li jkun għal ammont li jesorbita l-kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti. Hija għalhekk il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biss illi hija kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar it-tielet u r-raba' talbiet tal-Kunsill rikorrent. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti ma tħossx illi għandha tispezzetta din il-proċedura billi tibgħat it-tielet u r-raba' talbiet lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ai termini tal-Art. 741(b) tal-Kap. 12 u tara illi jkun ferm iktar għaqli illi l-Kunsill rikorrent jagħmel tali talbiet fi proċeduri separati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

**Deċiżjoni**

30. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi abbażi tal-Art. 166A(5)(ii) tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka l-ittra ġudizzjarja bin-numru 119/2022 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi din ma tissodisfax il-kriterju tassattiv tal-kliem preskritt taħt l-intestatura tal-Qorti ai termini tal-Art.**

**166A(2) u l-Avviż Legali 278 tal-2005 u konsegwentement tiddikjara null u bla effett ukoll it-titolu eżekuttiv ottjenut abbażi ta' dik l-ittra. Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrent billi dawn jeżorbitaw il-kompetenza tagħha *ratione valoris.***

**Fiċ-ċirkustanzi, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' din il-proċedura.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |